# Pjan Għall-Kura Futura

Isem: ______________________________

# PJAN GĦALL-KURA FUTURA

*Dan huwa dokument dwar il-preferenzi għall-kura tal-persuna li M'GĦANDUX IRBIT LEGALI*

***IS-SEZZJONIJIET RELEVANTI TA' HAWN TAĦT IRIDU JIMTLEW MILL-PERSUNA LI HUWA QED JIMLA GĦALIH INNIFSU L-PJAN GĦALL-KURA FUTURA. HUWA JISTA' JITLOB L-GĦAJNUNA TAL-QRABA / NIES OĦRA LI JAFDA / IT-TABIB / JEW PROFESSJONISTI OĦRA***

| | | |
|---|---|---|
| Isem u Kunjom: | | **Nru: tal- Formola:**<br>**Update:** |
| Numru tal-Identita': | Data tat-Twelid: | |
| Indirizz: | | |
| Telefon: | Data: | |

***Rinunzja: Għall-attenzjoni tal-Persuna (Pazjent/Klijent) li qed jimla l-Pjan għall-Kura Futura***

*- Pjan għall-Kura Futura (**Advance Care Plan)** huwa espressjoni tal-valuri u x-xewqat tiegħek personali. Dan il-Pjan jagħtik il-possibilita' li tipparteċipa fid-deċiżjonijiet rigward il-kura tiegħek fl-aħħar jiem ta' ħajtek, jekk u meta ma tibqax aktar mentalment kapaċi tiddeċiedi għalik innifsek. Il-Pjan hu wkoll immirat ukoll biex jgħin lit-Tim Multidixxiplinarju, il-Membri tal-Familja, jew nies għeżież għalik, fid-deċiżjonijiet li jieħdu jekk inti, il-Persuna ma jkollokx aktar il-kapaċita' mentali biex tiddeċiedi.*

*- Barra minn hekk, qed tingħata l-opportunita' li tagħżel individwi tal-fiduċja tiegħek biex ikunu nvoluti fid-deċiżjonijiet rigward il-kura tiegħek meta tkun qrib it-tmiem ta' ħajtek (paġna 2).*

*- Kun af li dan id-dokument ma jorbot lil ħadd legalment, imma huwa l-espressjoni tax-xewqat u preferenzi tiegħek rigward il-kura futura tiegħek, jekk int ma tkunx tista' aktar tieħu deċiżjonijiet lejn it-tmiem ta' ħajtek. Ix-xewqat tiegħek se jiġu sostnuti sa fejn huwa possibbli, imma jieħdu preċedenza dawk id-deċiżjoni ulterjuri li jkun jidher li jirrispettaw dak li hu l-aħjar għalik medikament u soċjalment.*

*- Inti m'intix obbligat/a li twieġeb il-mistoqsijiet kollha ta' hawn taħt, u għandek id-dritt li tibdel il-preferenzi tiegħek fil-futur, jew anke tirtira d-dokument jekk int nixtieq dan.*

***Nota**: Ħafna mistoqsijiet f'dan id-dokument dwar il-Pjan għall-Kura Futura huma dwar deċiżjonijiet mediċi kumplessi. Hija ħaġa tajba li dawn il-partijiet (Sezzjonijiet D,E,F,G, H, I, u J) jimtlew bl-għajnuna tat-Tim Multidixxiplinarju, li jridu jiffirmaw miegħek fl-aħħar tad-dokument bħala xhieda tax-xewqat tiegħek.*

*- F'dan id-dokument, għandek issib xi eżempji ta' tweġibiet jew mistoqsijiet biex jgħinuk taħseb inti x'tixtieq tinkludi fil-Pjan għall-Kura Futura tiegħek. Dawn l-eżempji m'humiex intiżi biex jinfluwenzawk jew jibdlulek il-ħsieb minn dak li tixtieq inti għalik innifsek.*

*- Biex tagħmel l-aħjar użu minn dan id-dokument, żomm kopja tiegħu għalik, agħti kopja lil xi Membru tal-Familja tiegħek jew xi ħadd għażiż għalik tal-fiduċja tiegħek, u idealment kopja tiegħu għandha tinżamm fil-Fajl Mediku Personali tiegħek tal-Isptar.*

| |
|---|
| *- Għall-benefiċċju tiegħek, teżisti ukoll verżjoni bl-Ingliż ta' dan id-dokument fuq il-website tal-MGMS.*<br>*- Aktar informazzjoni, tinstab fuq is-sit* ***https://gmsmalta.com*** *fejn issib Fuljetti ta' Sapport dwar il-Pjan għall-Kura Futura. Fuq is-sit tal-MGMS hemm ukoll taħriġ għall-Kliniċi.*<br>*- Għall-aktar tagħrif ikkuntattja l-Advance Care Planning Working Group fuq* ***acpwg.mt@gmail.com*** |

## A. Niżżel hawn taħt min huwa preżenti miegħek, waqt il-mili ta' dan il-Pjan għall-Kura Futura

| |
|---|
| |

## B. Pjan għall-Kura Futura li diġa imtela' fil-passat

| Qatt imlejt xi Pjan għall-Kura Futura fil-passat? *Immarka b' (X) it-tweġiba tiegħek* | | |
|---|---|---|
| Iva | Le | Mhux Imwieġba / Ma Niftakarx |
| ***Nota:*** *La darba timla u tiffirma dan il-Pjan għall-Kura Futura, il-formoli li mlejt fil-passat isiru nulli.* | | |

## C. Jekk ma tkunx għadek kapaċi tiddeċiedi għalik innifsek, l-individwu/individwi li tixtieq li jkunu nvoluti biex jieħdu d-deċiżjonijiet dwar il-kura w il-welfare personali tiegħek huma:

| | |
|---|---|
| ***Nota:*** *Immarka b'* ***(X)*** *fil-kaxxa fuq il-lemin biex tindika liema minn dawk l-individwi imniżżla hawn taħt (jekk jeżistu) huma fil-possess tal-Guardianship tiegħek jew Lasting / Enduring Power of Attorney (ara Att XX ta' 2016, Artiklu: 1864A, tal-Kodiċi Ċivili ta' Malta)* | **X** |

| 1. Isem u Kunjom | | |
|---|---|---|
| ID | Telefon/Mobajl | |
| Relazzjoni | Indirizz | |

| 2. Isem u Kunjom | | |
|---|---|---|
| ID | Telefon/Mobajl | |
| Relazzjoni | | |

| 3. Isem u Kunjom | | |
|---|---|---|
| ID | Telefon/Mobajl | |
| Relazzjoni | | |

***<u>Nota indirizzata lil-Persuna li qed jimla din il-Formola:</u>*** *Sezzjonijiet D, E, F, G, H, I, u J jinvolvu deċiżjonijiet mediko-legali. Inti mħeġġeġ/mħeġġa li timla dawn is sezzjonijiet bl-għajnuna tat-Tabib tiegħek jew Professjonist ieħor tas-Saħħa.*

***Nota lit-Tim Multidixxiplinarju:*** *Ibda din il-parti billi tispjega lil-Persuna x'inhu Pjan ta' Kura Futura u x'inhuma l-implikazzjonijiet li jista' ikollu fuq il-kura li jingħata meta ma jkunx aktar kapaċi jiddeċiedi għalih innifsu (uża l-eżempji f'D1 u D2, hawn taħt). Imbagħad ibda staqsi l-mistoqsijiet f'din Sezzjoni D. Ir-risposta li jagħti l-Persuna, taħt D1 u D2, jurik kemm fehem/fehmet x'inhu dan il-Pjan. Jekk jidher ċar li l-Persuna ma fehemx x'inhu Pjan ta' Kura Futura, hawnhekk it-Tim irid jevalwa, jekk hux indikat jew le, li jkompli jassisti lil-Persuna fil-mili ta' dan il-Pjan.*

## D. <u>Wara ħafna ħsieb, inti iddeċidejt kif ġej:</u>

| |
|---|
| D1. Għalfejn għażilt li timla Pjan għall-Kura Futura?<br>*(eż. Ma rridx li nkun ta' piż għal ħaddieħor, irrid inħalli messaġġ lil dawk li nħobb, irrid li x-xewqat tiegħi dwar il-kura fl-aħħar ta' ħajti jkunu magħrufa, nixtieq li nħalli l-affarijiet tiegħi sew kif suppost)* |
| D2. Meta fl-aħħar ta' ħajtek ma tkunx aktar kapaċi tiddeċiedi għalik innifsek. Kif dan id-dokument jiġi f'idejn it-Tabib u tal-Familja, x'tixtieq li jagħmlu? Jagħtu kas dak li ktibt u jużawh fid-deċiżjonijiet li jkunu qegħdin jieħdu, jew ma jagħtux kasu? *(eż. Nixtieq li dak li ktibt fuq il-Pjan ta' Kura Futura jiġi ikkunsidrati bħala l-opinjoni tiegħi ta' dak li rrid meta ma nkunx aktar kapaċi niddeċiedi għalija nnifsi, nixtieq li jiġi irrispettat)* |
| D3. L-uġiegħ qawwi għalik ifisser? Tissapportih jew tibża' minnu? |
| D4. Tbatija kbira u sofferenza għalik tfisser? *(eż. Tbatija psikoloġika/emozzjonali/spiritwali li ma nissaportihiex, ansjeta' qawwija, telf tar-rieda li ngħix, sens t'abbandun lejn it-tmiem ta' ħajti)* |
| D5. X'jagħmlek ferħan? |
| D6. Wara li tmut kif tixtieq li tal-Familja u Ħbiebek jibqgħu jiftakruk? |

| | |
|---|---|
| Niżżel hawn min huwa t-Tabib tal-Familja/ Speċjalista/Professjonist tas-Saħħa li tixtieq li jieħu ħsieb il-kura tiegħek: | |

## E. Diskussjoni dwar il-Problemi Mediċi u Qbil dwar il-Pjan ta' Kura li l-Persuna għandu bħalissa

***Nota lit-Tim Multidixxiplinarju:*** *Huwa irrakkomandat li l-mili tal-parti Medika tal-Pjan Għall-Kura Futura jiġi ppreċedut minn eżerċizzju fejn issir diskussjoni bejn it-Tim Multidixxiplinarju mal-Persuna (+/- il-Qraba) dwar x'inhuma l-problemi mediċi eżistenti, u miegħu jiġi maqbul Pjan ta' Kura, li l-Persuna jeħtieġ bħalissa.*

| ***Lista tal-Problemi Mediċi attivi li qed ibagħti bħalissa l-Persuna, Estimi ta' kemm fadal ħajja (jekk magħruf), u apprezzament tal-Prognosi Ġenerali, u X'inhu mixtieq li jintlaħaq bil-kura mogħtija*** |
|---|
| ***Il-Pjan ta' Kura kurrenti miftiehem bejn il-Persuna (+/- Qraba) u t-Tim Multidixxiplinarju*** |

*Uża (X) biex timmarka t-tweġiba/tweġibiet tiegħek hawn taħt*

**F. TITOLU: B'REFERENZA GĦAL SITWAZZJONI PARTIKULARI FI TMIEM TAL-ĦAJJA:**

***Is-Sezzjonijiet li jmiss kollha jikkonċernaw l-istess kondizzjoni li tista' tkun fiha fil-futur. Jiġifieri sitwazzjoni fejn inti tkun qrib it-tmiem ta ħajtek (tkun viċin il-mewt u tkun qed tingħata kura terminali), fejn ma jkunx għad hemm tama ta' titjib jew li tirkupra, u ma tkunx għadek kapaċi tiddeċiedi għalik innifsek***

**G. F'din is-sitwazzjoni intitolata (Sezzjoni F), f'liema post ta' kura tixtieq li tqatta l-aħħar jiem ta' ħajtek u li fih tmut?**

| *Bżonn ta' Kura* | *Xewqat personali* | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Iva | Le | Ma Nafx / Mhux imwieġba / Mhux Applikabbli | Inħalli f'idejn it-Tabib / il-Qraba |
| Niġi kkurat fid-dar tiegħi | | | | |
| Niġi kkurat (ammes) f'Dar tal-Anzjani | | | | |
| Niġi kkurat fid-Dar tal-Anzjani li qiegħed fiha *(Fil-post, fil-kamra, fejn qed ngħix bħalissa)* | | | | |
| Nintbagħat l-Isptar skond il-parir tat-Tobba | | | | |
| Niddaħħal f'Sala Speċjalizzata tal-Kura Paljattiva/ Hospice | | | | |

**H. F'din is-sitwazzjoni intitolata (Sezzjoni F), inti tkun tixtieq kura li ttawwal il-ħajja b'mod sproporzjonata akkost ta' skumdita akbar, jew inkella tixtieq tmiem tal-ħajja dinjituża fejn l-importanti li ma ssofrix u ma tbagħtix bla bżonn?**

| *Sitwazzjoni Medika fi Tmiem il-Ħajja* | *Xewqat personali* | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Iva | Le | Ma Nafx / Mhux imwieġba | Inħalli f'idejn it-Tabib / il-Qraba |
| Ma nixtieqx nirċievi kura li iġġebbed il-ħajja b'mod sproporzjonata.<br>Minflok, nippreferi li nirċievi kura li żżommni komdu u bla uġiegħ, taħt il-gwida tat-Tobba li jkunu qed jieħdu ħsiebi | | | | |
| Jien inkun nixtieq kura li ttawwal il-ħajja, akkost ta' skumdita akbar, taħt il-gwida tat-Tobba li jkunu qed jieħdu ħsiebi | | | | |

**I. F'din is-sitwazzjoni intitolata (Sezzjoni F), jekk ikollok problema kbira u persistenti sabiex tiekol u tixrob minn ħalqek, inti tixtieq li:**

| *Sitwazzjoni Medika* | ***Xewqat personali*** | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Iva | Le | Ma Nafx / Mhux imwieġba | Inħalli f'idejn it-Tim Mediku / il-Qraba |
| Niekol u nixrob minn ħalqi anke f'ammonti żgħar, bħala ikel ta' wens, taħt il-gwida tat-Tim Mediku li jkunu qed jieħdu ħsiebi. Ikel ta' wens jinvolvi element ta' riskju waqt li tkun qed tibla' | | | | |
| Nirċievi ikel u xorb artifiċjali permezz ta' tubu tal-ikel (NG/RIG/PEG), li jista' itawwali ħajti b'mod sproporzjonata u bi skumdita akbar, taħt il-gwida tat-Tim Mediku li jkun qed jieħdu ħsiebi | | | | |
| Nixtieq li ma l-ikel ta' wens minn ħalqi ikolli drip ta' fluwidi taħt il-ġilda, taħt il-gwida tat-Tim Mediku li jkun qed jieħdu ħsiebi | | | | |

**J. F'din is-sitwazzjoni intitolata (Sezzjoni F), int tkun tippreferi li:**

| *Deċiżjonijiet Mediċi* | ***Xewqat personali*** | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Iva | Le | Ma nafx / Mhux imwieġba | Inħalli f'idejn it-Tim Mediku / il-Qraba |
| Ningħata biss mediċini li jżommuni komdu u mingħajr uġiegħ | | | | |
| Jiġu evitati testijiet tad-demm u nvestigazzjonijiet oħra | | | | |
| Jiġu evitati kemm huwa possibbli l-użu ta' tubi mqabbdin miegħi | | | | |
| Jiġu evitati proċeduri straordinarji fit-tmiem tal-ħajja, li jinkludu s-CPR | | | | |

## K. Il-preferenzi tiegħek rigward it-Tmiem ta’ Ħajtek u l-Funeral tiegħek:

| |
|---|
| Meta nkun qed immut, nixtieq li jkolli lil dawn l-individwi maġenbi:<br>*(eż. Membri tal-Familja/Ħbieb)* |
| Il-preferenzi tiegħi rigward is-Sagrament tal-Morda/Ritwali ta’ Tmiem il-Ħajja skond ir-Reliġjon tiegħi: |
| Nixtieq li nkun donatur tal-organi tiegħi. *(biex tirreġistra ħalli tkun donatur tal-organi mur fis-sit **https://organdonation.gov.mt/*** ) |
| Nixtieq nagħmel donazzjoni tal-katavru tiegħi għax-xjenza: *(biex tirreġista d-donazzjoni tal- katavru għax-xjenza, ikteb lil **https://www.um.edu.mt/ms/anatomy/**)* |
| Il-preferenzi tiegħi rigward ħwejjeġ tat-tkeffin: |
| Il-Kummissjonant tal-Funerali tal-għażla tiegħi:<br><br>Mobile: |
| Nixtieq li jkolli l-Quddiesa tal-Funeral/ Servizz fi: |
| Il-Qassisin/Pastors/ Ċelebranti li nixtieq li jieħdu sehem fil-Funeral tiegħi huma: |
| Innijiet/Kant/Diski li nixtieq li jkolli fil-Funeral tiegħi huma: |
| Nixtieq li nindifen fi: |
| Nixtieq li ssir kremazzjoni tal-katavru tiegħi: |
| In-Nutar/L-Avukat tiegħi:<br><br>Mobile: |

## L. Xi messaġġ speċjali li tixtieq tikteb:

| |
|---|
| *Eż. Tixtieq tħalli messaġġ lil tal-familja jew xi ħadd qrib tiegħek? X'tixtieq li jsir mill-pets tiegħek? X'tixtieq li jsir minn xi oġġetti ta' valur sentimentali li inti għandek? eċċ* |

## M. Firma tal-Persuna u dik tal-Qarib jew Xhud ieħor*

| | Isem u Kunjom | Firma |
|---|---|---|
| Il-Persuna | | |
| Il-Qarib jew Xhud ieħor | | |

## N. Firma tat-Tim Multidixxiplinarju*

| | Isem u Kunjom | Firma |
|---|---|---|
| It-Tabib Kuranti Anzjan | | |
| In-Nurse | | |
| Occupational Therapist | | |
| Physiotherapist | | |
| Social Worker | | |
| Speech Language Pathologist | | |

****NOTA:*** *It-Tim Multidixxiplinarju li iffirma hawn fuq jiddikjara li r-rwol primarju tiegħu fil-mili ta' dan Il-Pjan Għall-Kura Futura kien li jgħin lill-Persuna jesprimi x-xewqat u l-preferenzi tiegħu għal meta jkun qrib it-tmiem ta' ħajtu. It-Tim apprezza li l-Persuna kien kapaċi jifhem li Pjan Għall-Kura Futura ma għandux irbit legali, kif ukoll fehem li dan jista' jaffettwa d-deċiżjonijiet meħudha għalih fil-futur (ara Sezzjoni D1 u D2).*

****NOTA LIT-TOBBA U PROFESSJONISTI OĦRA TAS-SAĦĦA:*** *F'sitwazzjonijiet fejn it-Tobba u/jew Professjonisti tas-Saħħa oħra għandhom riservi kbar biex ikunu nvoluti fil-mili ta' dan il-Pjan għall-Kura Futura, huma għandhom jinfurmaw lill-Pazjent/Klijent tagħhom dwar din id-deċiżjoni, ħalli l-Persuna ikun jista' jfittex l-għajnuna minn sorsi oħra.*

| |
|---|
| ____________ **Kopji awtentikati ġew iffirmati illum** ________________<br>(*Niżżel hawn in-numru ta' kopji*) (Date: DD/MM/YYYY)<br><br>**Iniżżel hawn taħt min ħa għandu kopja awtentikata:**<br>*(idejalment kopja għandha tinżamm ukoll fil-file tal-Pazjent)*<br><br>______________________________________________<br><br>______________________________________________<br><br>______________________________________________<br><br>______________________________________________<br><br>______________________________________________ |

## O. Aġġornament tad-Dokument tal-Pjan għall-Kura Futura

*Jekk jogħġbok innota t-tibdil fid-Dokument tal-Pjan għall-Kura Futura hawn taħt*

| |
|---|
| **Aġġornament 1**<br><br>Data:<br><br><br><br>_________________________ _________________________<br>Firma tal-Persuna/Qarib Firma tax-Xhud<br><br>_________________________<br>Firma tat-Tabib Kuranti Anzjan* *(ara nota f'paġna 8)* |

**Aġġornament 2**

Data:

___________________________ ___________________________

Firma tal-Persuna/Qarib Firma tax-Xhud

___________________________

Firma tat-Tabib Kuranti Anzjan* *(ara nota f'paġna 8)*

**Aġġornament 3**

Data:

___________________________ ___________________________

Firma tal-Persuna/Qarib Firma tax-Xhud

___________________________

Firma tat-Tabib Kuranti Anzjan* *(ara nota f'paġna 8)*

Kummenti Addizzjonali:

GERIATRIC MEDICINE
SOCIETY OF MALTA
Promoting excellence in the
care of older adults

*Dan id-dokument jista' jintuża liberament u huwa maħsub għall-użu tal-Popolazzjoni Maltija. Dan il-proġett sar mill-Grupp li ħadem fuq il-Pjan għall-Kura Futura fi ħdan is-Soċjeta Maltija tal-Mediċina Ġerjatrika. Diċembru 2023*